MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 1005/2011

**Erremme Business Advisors Limited [C-30153]**

**vs**

**Raymond MEILAK [ID. Nru. 23860M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fid-29 ta' Novembru, 2011** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' tlett mija u erbgha u hamsin euro [€354] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u hamsin euro rapprezentanti import ta' servizzi rezi lilu mis-socjeta attrici (kopja fattura Dok. A).

Bl-ispejjez, nkluzi dawk tal-ittra legali datata 1 ta' Novembru, 2011 (Dok. B) u bl-interessi mid-19 ta' April,

2011 (datat tal-fattura) kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar id-9 ta' Lulju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar id-9 ta' Lulju, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma tlett mija u erbgha u hamsin euro [€354], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------